# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 27 ta' Novembru tas-sena 2001.**

**Numru 33**

**Avviz numru 77/97/SM**

**Carmelo Grech fil-kwalita' tieghu bhala kuratur ta' Louis Dalli.**

**vs**

**Carmel Gatt u digriet tat-28 ta' Marzu 2001 Josephine Gatt li giet kjamata in kawza.**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat il-21 ta' Jannar ta' l-1997 li permezz tieghu l-attur nomine sejjah lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat biex:**

**1. Fi zmien qasir u parentorju ffisat mill-Qorti, jizgombra mill-fond 5, Triq il-Kulleggjata,**

B'Kara, peress li qed jokkupa l-istess fond bla ebda titolu validu fil-ligi;

2. Bl-ispejjez u l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni. Li fini a kompetenza qed jigi dikjarat li l-valur lokatizzju huwa ta' sittax-il lira Maltin (LM16.00,0);

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' Carmel Gatt datata l-11 ta' Frar ta' l-1997 li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:

1. In linea preliminari, l-attur ghandu jipprova t-titolu tieghu fuq il-fond de quo;

2. Illi, in linea preliminari wkoll, izda minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponent jeccepixxi l-intempestivita tal-azzjoni attrici;

3. Illi, dwar il-meritu, u minghajr eccezzjoni ghal kull eccezzjoni preliminari hawn fuq sollevata, l-esponent qieghed jokkupa dan il-fond b'titolu validu ta' kera u certament, fi kwalunkwe kaz, bil-permess tal-attur;

4. Ill in oltre, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-fond jinsab okkupat minn bint l-esponent, u cioe' minn Josephine Gatt, b'titolu validu legali;

5. Salv eccezzjonijiet ohra;

Rat id-digriet taghha datat it-28 ta' Marzu tas-sena 2001 li permezz tieghu ordnat il-kjamata in kawza ta' Josephine Gatt;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' l-istess kjamata in kawza datata t-18 t'April tas-sena 2001 li permezz taghha eccepiet is-segwenti:

1. In linea preliminari, it-talbiet tal-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk jimmeritaw li jigu respinti bl-ispejjez kontra l-istess attur stante illi dan ghadu jrid jipprova t-titolu tieghu fuq il-fond de quo, ossija illi

**jgawdi l-mandat tal-proprjetarji kollha tal-fond sabiex jipprocedi b'din l-istanza;**

**2. Illi dwar il-meritu, u indipendentement u subordinatament ghall-ewwel eccezzjoni preliminari hawn fuq sollevata, l-esponenti qed tokkupa dan il-fond b'titolu validu legali kif ser jirrizulta matul il-kors ta' din il-kawza;**

**3. Salv eccezzjonijiet ohra;**

**Ezaminat ix-xhieda mismugha minn din il-qorti diversament preseduta;**

**Semghet ix-xhieda ulterjuri pprezentata quddiema;**

**Ezaminat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

**1. Illi l-attur nomine jirrizulta regolarment mahtur kuratur ta' Louis Dalli, interdett, permezz ta' digriet tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili datat it-2 ta' Dicembru ta' l-1993;**

**2. Illi fost il-proprjetajiet li dan Dalli kellu hemm il-fond numru 5, Triq il-Kolleggiata,  Birkirkara;;**

**3. Illi l-attur nomine jirrileva li ta' bidu ghall-procedura odjerna ghaliex sab li bint il-konvenut, l-eventwali kjamata in kawza, kienet qed tokkupa l-fond de quo minghajr ma thallas l-ebda kera;**

**4. Illi minn ricerka kondotta mill-istess attur nomine jirrizulta li l-fond de quo kien mikri lill-certa Evangelista Gatt li meta mietet ma kellha lilhadd residenti maghha;**

**5. Illi ghalhekk l-okkupazzjoni tal-kjamata in kwaza hi minghajr ebda titolu u ghalhekk giet intavolata din il-procedura ghall-izgumbrament;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-konvenut isostni s-segwenti:**

**1. Illi bintu l-kjamata in kawza Josephine Gatt marret tghix ma Evangelista Gatt, (in-nanna taghha u omm il-konvenut), wara li miet il-papa ta' l-istess konvenut, jekk mhux anke qabel, (ara fol 36);**

**2. Illi wara li mietet l-imsemmija Evangelista Gatt, kemm l-imsemmija Josephine kif ukoll missiera Carmel ma kienux jafu lil min riedu jhallsu l-kera stante li s-sid kien rikoverat l-isptar mentali u ghalhekk din kienet tigi depozitata l-qorti skond il-ligi;**

**3. Illi jirrizulta li sussegwentement dawn saru jafu bl-attur nomine u bdew ihallsu l-kera lilhu;**

**4. Illi wara l-mewt ta' l-imsemmija Evangelista, l-istess kuratur – l-attur nomine odjern – accetta l-kera tal-konvenut u tal-kjamata in kawza;**

**5. Illi fit-tieni skadenza, l-istess attur nomine hu allegat li ha l-pussess tal-ktieb tal-kera, qatta l-ewwel ricevuta favur il-konvenut jew bintu u iffalsifika ohra f'isem il-mejta Evangelista;**

**6. Illi anke l-istess difensur tal-konvenut ikkonferma bil-gurament illi kien ha konjizzjoni ta' l-ewwel ricevuta originali;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi allegazzjoni bhal di hi tassew serja u preokkupanti;**

**Illi kollox jimmilita favur it-tezi tal-konvenut u tal-kjamata in kawza stante li l-versjoni taghhom hi assodata minn terzi estranei ghall-vertenza;**

**Ghaldaqstant, in vista tas-suespost din il-qorti hi tal-fehema illi ghal dak li jirrigwarda l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut ghandu jinghad li l-attur nomine gie regolarment mahtur kuratur u konsegwentement tichad din l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut;**

**Illi pero' mill-bqija din il-qorti mhix sodisfatta li l-attur nomine ipprova l-kaz tieghu skond il-ligi anzi jirrizulta li l-kjamata in kawza kienet gia tirrisjedi fil-fond de quo meta mietet l-inkwilina originali Evangelista Gatt u ghaldaqstant, filwaqt li takkolji l-eccezzjonjiiet sollevati mill-konvenut u mill-kjamata in kawza, tichad it-talbiet attrici bl-ispejjez.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**